**26 ta' Mejju, 1994**

**Imħallef:-**

**Onor. Vincent DeGaetano LL.D.**

Il-Pulizija

*versus*

Peter Paul Debono

**Digriet Interlokutorju - Appell - Appell Fieragh**

***Appell minn digriet interlokutorju, ċjoè digriet intiż biex jirregola l-andament tal-kawża, u li ma jżommx il-kawża milli titmexxa ' l quddiem jista' jsir biss wara s-sentenza definittiva u flimkien ma' l-appell minn dik l-istess sentenza definittiva kemm-il darba dik is-sentenza definittiva tkun appellabbli. Fiċ-ċirkostanzi l-appell ġie ddikjarat bħala wieħed fieragħ.***

Il-Qorti:-

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra Peter Paul Debono;

*Omissis*;

Rat id-digriet tal-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) mogħti fis-seduta tas-27 ta' April, 1994 fil-kors tas-smigħ tal-kawża li bih dik il-Qorti, wara li l-avukat difensur ta' l-imputat oġġezzjona li jixhed l-AIC Lino Bianco, peress li dana x-xhud kien preżenti fl-Awla waqt is-smigħ ta' xhieda oħra fl-istess kawża, iddeċidiet li peress li fil-fehma tagħha kien fl-interess tal-ġudizzju li dana x-xhud jinstema' xorta waħda, ċaħdet it-talba sabiex dana x-xhud ma jixhedx u ordnat il-prosegwiment tal-kawża;

Rat ir-rikors ta' appell ta' l-imsemmi Peter Paul Debono minnu ppresentat fit-28 ta' April, 1994 li bih talab ir-revoka ta' l-imsemmi digriet;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

Semgħet it-trattazzjoni tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

Illi mingħajr ma din l-Qorti tidħol fil-meritu ta' l-aggravju ta' l-appellant u ċjoè ta' x'inhi r-regola in materja ta' smigħ ta' xhieda li jkunu preżenti fl-awla waqt li jkunu qed jinstemgħu xhieda oħra fl-istess kawża, id-digriet li minnu qed isir appell hu manifestament wieħed interlokutarju, ċjoè intiż biex jirregola l-andament tal-kawża, u li b'ebda mod ma jżomm il-kawża milli titmexxa 'l quddiem, proprju għax b'dak id-digriet il-Qorti inferjuri "ordnat il-prosegwiment tal-kawża". Kien biss dana l-appell li żamm il-kawża milli titmexxa 'l quddiem. Frankament din il-Qorti tinsab sorpriża kif l-ewwel Qorti donnha laqgħet it-talba ta' l-appellant għas-sospensjoni tal-kawża (u ddifferiet il-kawża għall-20 ta' Lulju, 1994) flok ma baqgħet tisma' l-kawża dik il-ġurnata stess, kif suppost kellha tagħmel skond il-

proċedura. Hu obbligu tal-Qrati tal-Maġistrati li jassiguraw li l-proċedura fil-kawżi quddiemhom ma tiġix stultifikata b'rikorsi bħal dawn;

Għalhekk din il-Qorti, wara li rat l-artikolu 415(1) tal-Kodiċi Kriminali, peress li d-digriet li minnu qed isir dan l-appell hu wieħed interlokutorju li ma jżommx il-kawża milli titmexxa 'l quddiem u li għalhekk appell minnu jista' jsir biss wara s-sentenza definittiva u flimkien ma' l-appell minn dik l-istess sentenza definittiva kemm-il darba dik is-sentenza definittiva tkun appellabbli , se tiddikjara l-appell odjern irritu u null;

U peress li dana l-appell hu, f'dan l-istadju, wieħed manifestament fieragħ fit-termini tas-subartikolu (2) ta' l-artikolu 429 tal-Kap. 9;

Din il-Qorti, filwaqt li tiddikjara l-appell ta' Peter Paul Debono tat-28 ta' April, 1994 irritu u null u tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tiegħu, tikkundanna lill-istess Peter Paul Debono għal ammenda ta' ħamsa u għoxrin lira (Lm25) skond l-Artikoli 429(2) u 13(1) tal-Kodiċi Kriminali, u tordna li l-atti ta' din il-kawża jerġgħu minnufih jintbagħtu quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali għall-kontinwazzjoni tal-kawża skond il-liġi.